*Leħen is-Soċjetà Mużikali*

# San Lawrenz

*Belt Vittoriosa A.D. 1883*



**Ħarġa Nru. 110** **MARZU - APRIL 2019**

**Welcome to BeBirgu!**

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com



Olde City Pub

Olde City Pub
*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

**Fava Woodworks Co. Ltd.**
KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Hamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

***Kejkijiet għall-Parties tat-tfal***

*Agħżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,*



*Princess, Superman, Hello Kitty, etc.*

*Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew*

*e-mail: steffibugeja@yahoo.com*



# Il-Kelma tal-President

*Lawrence V. Farrugia*

Nhar it-Tnejn 25 ta' Frar, il-Qorti tal-Appell fil-kawża li saret dwar id-dħul tal-ilma u il-ħsara li kienet qed issir fil-maħżen ta' fuq tal-Ħawli tat is-sentenza tagħha. B'kuntratt fit-8 ta' Jannar 2008, il-Każin kien kera parti minn dan il-maħżen biex jerfa' il-planċier. Il-Kumitat għamel kawża minħabba li dan kien qiegħed jagħmel ħsara lill-planċier artistiku tal-banda li sewa lill-Każin tal-Banda madwar kwart ta' miljun ewro. F'Mejju li għadda kien hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati favur il-każin li ġiet appellata mill-Kunsill Lokali.

Tul iż-żmien li kienet għaddeja il-kawża pruvajt li nkun kawt dwar din il-kwistjoni, imma issa nifhem li fil-qosor ħafna u biex inneħħi xi preġudizzji, hu f'postu li nispjega għalfejn il-Kumitat tas-Soċjeta` unanimament qabel li jagħmel din il-kawża.

L-ewwel darba li sar użu mill-maħżen kien wara l-festa ta' San Lawrenz tal-2008. F'dik ix-xitwa ġie innotat li meta tagħmel ix-xita konna nsibu l-ilma fl-art. Iżda peress li dik is-sena ftit li xejn għamlet xita, ma ngħatatx importanza partikolari. Fix-xitwa ta' wara innotajna li kien qiegħed jidħol l-ilma minn diversi partijiet tal-post, jiġifieri mill-art, mill-ħajt u anke minn parti tas-saqaf, tant li fejn kien hemm il-panewijiet tal-planċier konna ngħattuhom bil-plastik. Ġbidna l-attenzjoni dwar dan ħafna drabi u wrejna l-preokkupazzjoni tagħna kemm verbalment kif ukoll permezz ta' korrispondenza mal-Kunsill. Wara li rajna li konna qed niġu njorati u li ma ttieħdet l-ebda azzjoni, bagħtna ittra uffiċjali iżda xorta baqa' ma sar xejn. Għalhekk kellna nirrokoru għall-ittra legali li b'effett tagħha, wara xhur li ntbagħtet, saret laqgħa ta' rikonċiljazzjoni biex tinstab soluzzjoni. Kien hemm qbil li kien qed jidħol l-ilma imma il-Kunsill qalilna li ma kellux flus biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

F'din il-laqgħa sar qbil ukoll li ssir spezzjoni konġunta u wara xhur nistennew, nhar it-8 t'Awwissu, propju waqt il-marċ tal-Antiviġilja, ġejna mgħarrfa verbament li l-ispezzjoni ġiet skedata għall-għada, 9 t'Awwissu fl-għaxra ta' filgħodu, fil-ħin li kien jibda l-marċ tat-Te Deum, bejn il-Periti u rappreżentanti taż-żewġ partijiet. Minnkejja li dan kien jaħbat lejliet il-Festa, u waqt il-marċ ta' filgħodu, il-President flimkien mal-Kaxxier xorta waħda attendew.

Wara li għaddew xhur u rajna li xorta ma sar xejn, fejn l-ilma baqa' jidħol tant li ġieli kien hemm m'għola 4 ċentimetri ilma u kellna ngħollu l-armar kollu fuq pallets, il-kumitat ma kellux triq oħra ħlief li jipproċedi bil-kawża fil-qorti. Dan jinsab kollu dokumentat, kemm f'korrispondenza kif ukoll f'ritratti.

Dan huwa l-aħħar messaġġ tiegħi bħala President tas-Soċjeta`, wara li qatt ma fallejt fid-dsatax-il sena li ilna noħorġu din il-publikazzjoni. Kif ili ngħid, issa mhux se nikkontesta aktar għall-



kumitat wara li servejt għal 55 sena fil-kumitat, fejn kont Assistent Segretarju, Viċi President, 16-il sena Segretarju u 31 sena President. Sejjer nħalli din il-kariga b'sodisfazzjon meta nħares lejn dak li flimkien mal-membri tal-kumitati differenti rnexxielna nagħmlu tul dawn is-snin. Dan il-każin biddilnih f'Palazz u filwaqt li żammejna l-istil antik tiegħu, sar tibdil u ġie addattat għaż-żminijiet tal-lum, kemm f'dik li hija kumdita` kif ukoll fit-tisbieħ tiegħu. Bla dubju, ġibnieh ħafna aħjar milli writnieh.

Mhux il-lok li nidħol fid-dettal ta' dak kollu li sar, imma rnexxielna nagħmlu proġetti kemm zgħar kif ukoll kbar, iċċelebrajna bil-kbir l-anniversarji tas-Soċjeta`, konna minn tal-ewwel fl-organizzazzjoni u ħadna parti attiva fl-anniversarji tal-Parroċċa. Niftaħru bit-tkabbir fit-tagħlim mużikali fejn illum nistgħu niftaħru li għandna skola tal-mużika mill-iktar moderna u b'attendenza numeruża ta' studenti. Żammejna fl-ogħla livell l-isem tal-banda tagħna, tellajna programmi f'Malta kif ukoll barra minn xtutna u fuq kollox bnejna fis-sod il-finanzi tas-Soċjeta`. Grazzi għal dan kollu, is-Soċjeta` tagħna tgawdi il-fama li għandna tmexxija serja, trasparenti u ddixxiplinata.

Fl-aħħar ta' Jannar, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali, fejn fiha ġew approvati r-rapport amministrattiv u r-rapport finanzjarju għas-sena 2018. Ngħid prosit lis-Segretarju u lill-Kaxxier għall-mod professjonali li ħejjew ir-rapporti tagħhom. L-ispiza għas-sena 2018 kienet ta' madwar €112,000 u dan jikkonferma l-attivita` kbira li kellna matul is-sena u fl-istess ħin, kemm l-ispejjeż qegħdin dejjem jiżdiedu. Jekk irridu nibqgħu mixjin fit-triq tal-progress hemm bzonn li kulħadd jagħti is-sehem tiegħu.

Nhar il-Ħadd 24 ta' Marzu sejrin isiru żewġ Lagħqat Ġenerali; waħda għall-Bandisti u Membri Propjetarji u oħra għall-bandisti u membri, biex jaħtru il-membri tal-Kumitat għas-snin 2019-2020. Din hija l-ewwel darba li qed issir il-Ħadd għaliex nixtieqalthough naraw aktar parteċipazzjoni. Nappella lill-Bandisti u membri biex jattendu u li jkun hemm aktar membri speċjalment żgħażagħ li jersqu biex jidħlu fil-Kumitat.

## Werrej

Il-Kelma tal-President……......……..3
San Pawl ukoll ġie l-Birgu................5
Wasal ir-Randan……………..……….6
Impenn kontinwu..............................7
Attivitajiet bir-ritratti......................8/9
Tagħrif mill-kċina..........................10
Amilcara Ponchielli.........................11
Wiċċ imb'wiċċ ma' L. Renes...12/13
Attivitajiet Marzu/April...................14

***Editur***
Simon Farrugia

***Riklami***
John Attard
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia

**Proof Reading**
Bjorn Callus

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich
Gabriel Treeby Coleiro
Andre Xuereb

**Ritratt Faċċata**



L-istatwa ta' Kristu Rxoxt
xogħol l-istatwarju Salvu Psaila
quddiem Palazzo Huesca

**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est. 1924
36, Triq San Pawl, Valletta
Tel: 2122 4607 Mob: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com


PJAZZA REĠINA
VALLETTA
Everybody's Centrepiece
DELICATA
Family Winemaker
Since 1907
WWW.DELICATA.COM
/DELICATA WINERY

# ‘San Pawl ukoll ġie l-Birgu’

*minn George Cilia*

**San Pawl ukoll ġie l-Birgu**

Fil-‘Kitbiet Imżewqa’, ktieb tal-pittur Rafel Bonnici Cali b’ħafna stejjer fuq twemmin, storja, arti u folklor insibu tagħrif storiku fuq il-miġja ta’ San Pawl f’Malta. Din l-istorja titratta fuq it-tluq tal-Appostlu Missierna San Pawl minn xtutna lejn Ruma. Ftit nies jafu li San Pawl ukoll ġie fil-Birgu billi dan kien il-post minn dejjem il-magħqat tal-bastimenti li jgħaqdu lil Malta mal-bqija tad-dinja.

Għax kif jgħidilna San Luqa, fl-atti tal-Appostli, il-bastiment li kellu jieħu lura lil San Pawl dam jistkenn mill-maltemp xitwa sħiħa. Aħna nafu żgur li l-post fejn stkenn il-bastiment ta’ Lixandra li rikeb Pawlu fi triqtu lejn l-Italja kien fid-daħla tal-baħar bejn il-Birgu u l-Isla li tispiċċa fil-Mandra, jiġifieri x-xatt tad-dgħajjes li llum jissejjaħ Bormla. Kemm il-kaptan Lixandrin, kemm San Luqa u ċ-ċenturjun Ruman, kienu esperti biżżejjed biex jagħżlu l-aħjar post biex il-bastiment jistkenn fih u dan ma setgħax ikun ħlief id-daħla tal-baħar fil-Port il-Kbir ta’ Malta.

Dawn l-episodji tal-laqgħa li kellu Pawlu u sħabu malli qabdu x-xatt ta’ Malta u tat-tluq tagħhom minn Malta ġew kemm il-darba pinġuti fi kwadri mill-isbaħ minn pitturi barranin kif ukoll minn artisti Maltin, fosthom Preti fl-arzella tal-Katidral tal-Imdina, Stefano Erardi fl-akbar kwadru tal-artali fil-Knisja ta’ San Pawl barra fir-Rabat u tant oħrajn li tista’ tgħid kull knisja f’Malta u Għawdex għanda xi xbiha li tfakkar il-miġja ta’ San Pawl fostna.

**Tradizzjonijiet Pawlini**

Bosta huma t-tradizzjonijiet Pawlini fostna u dan ma setgħax jonqos meta nafu li qatta staġun sħiħ fostna. Jingħad li barra ż-żmien twil li qatta fir-Rabat, dar bosta nħawi tal-gżira sa ma’ wasal sal-Mellieħa u sat-tarf l-ieħor ta’ Malta, Marsaxlokk u naturalment fl-irħula li hemm bejniethom biex lilhom ukoll iħabbrilhom il-vanġelu.

Skont ma’ kien jgħid il-Kanonku Dun Ganmari Farrugia tal-Birgu, studjuż tal-istorja tal-ibliet li jmissu mal-Birgu, li dari kien biċċa waħda mal-Parroċċa antikissima tal-Birgu, dik il-knisja f’tarf Bormla ddedikata lil San Pawl ġiet mibnija biex tfakkar li minn dak il-post telaq San Pawl minn Malta fejn hawn nisħqu li l-Birgu u l-parroċċa tiegħu kienu wisq akbar milli huma llum. Il-Birgu ċkien meta l-Kavallieri bnewlu s-swar minħabba l-biża’ mill-ħbit tat-Torok. Sal-1530 il-limiti tal-Birgu kienu jwasslu sa tas-Sliema u ż-Żurrieq.

**Il-Konti Ruġġieru**



Persunaġġ ieħor antik, wisq importanti, li żar il-Birgu u d-distrett tiegħu kien il-Konti Ruġġieru li ħtieġlu jieħu fortizza ta’ Ras il-Birgu li kellhom l-Għarab f’Malta fil-Medjuevu. Kien Ruġġieru n-Normann li ħeles lil Malta nisranija mill-ħakma Għarbija, fl-1090 u għalhekk, imħeġġeġ bl-ispirtu nisrani li kellu, mexa fuq il-passi ta’ San Pawl u ta lill-Maltin u l-Għawdxin il-liberta` tar-reliġjon ta’ missierijiethom. Hawn il-Maltin setgħu jsewwu l-knejjes antiki u jibnu oħrajn ġodda li kollha kemm huma ħadu l-isem tal-Madonna, ibda mill-knisja li llum tissemma bħala l-Katidral, kif ukoll dawk li kienu trawmu fl-għerien tal-Mellieħa u Ras il-Birgu, illum imsejħa l-Kappella t’isfel fid-daħla tal-Kastell Sant’Anġlu. Minn din il-kappella Marjana tnisslet il-Parroċċa ta’ San Lawrenz.

Din il-kitba fil-ktieb ‘Kitbiet Imżewqa’ ta’ Rafel Bonnici Cali dehret ukoll fil-ġurnal ‘Il-Leħen’ ta’ nhar il-Ħadd 3 ta’ Frar, u jien ħassejt li dan ir-rakkont fuq Beltna għandu jidher fil-fuljett tas-Soċjeta` Mużikali San Lawrenz tal-Birgu.



# Wasal ir-Randan

*minn Patri Martin Mamo Kapuċċin*



Għal ħafna Maltin, dan huwa l-aktar żmien sabiħ tas-sena. Żmien riflessiv, fejn fih isiru ħafna Eżerċizzi Spiritwali, sawm u penitenzi, purċissjonijiet bir-Redentur u bid-Duluri, Peagants u Drama Spiritwali. Pero` hemm ħaġa waħda li nixtieq li wkoll iżżid fl-ammont u fil-konvinzjoni tagħha; **IL-QRAR**.

Staqsi ftit lilek innifsek; **'Kemm ilek ma tqerr?'**

Ninnotaw li filwaqt li żdied it-tqarbin, naqas il-qrar. Fejn dahri kien ikun hemm 'que' kbir għall-qrar nhar ta' Sibt fil-kunventi u l-knejjes tagħna, illum dan il-'que' issibu għat-tqarbin biss. Dan ifisser li, jew m'għadniex nagħmlu dnubiet, jew inkella qed nagħmlu abbuż serju bit-tqarbin Imqaddes. Mhux sew jekk ħafna qed jitqarbnu mingħajr ma jqerru. Hawn min qed jitqarben bla ebda skruplu għax jgħid li hekk iħoss, pero` ma ninsewx li min jimxi fuq il-ħass jista' jiżloq.

Il-qaddis kapuċċin Patri Piju tal-Pjagi, li kien iqarar mill-inqas xi 18-il siegħa kuljum, kien jgħid hekk; **'M'għandix minuta** ħielsa, il-ħin kollu ngħaddih inħoll lil ħuti mix-xkiel ta' **Satana! Ikun imbierek Alla. L-akbar imħabba hija dik li naħtaf l-erwieħ imjassra minn Satana biex nirbaħhom għal Kristu. U dan qed nagħmlu bla waqfien bil-lejl u bin-nhar; jiġu nies bla għadd, ta' kull klassi, nisa u rġiel... jitwettqu konverżjonijiet sbieħ ħafna.'** Kien ifarraġ lil min jiġi jqerr billi jtennilhom hekk; **'Toqogħdux taħsbu fuq id-dnubiet li tkunu ġa qerrejtu u m'hemmx għalfejn terġgħu tqerruhom. Kunu afu li Ġesu` ġa ħafrilkom! Fil-ħniena mmensa Tiegħu, Huwa ħassar u qatta' l-kont li aħna kellna Miegħu minħabba dnubietna; li nerġgħu niftakru fihom u nġibuhom quddiem għajnejna biex nerġgħu naqilgħu l-maħfra jew inkella niddubitaw jekk ikunux maħfura, huwa nuqqas ta' fiduċja fit-tjieba u l-ħniena tal-Mulej. Jekk huwa ta' konfort għalina, nistgħu naħsbu kemm offendejna l-Ġustizzja u l-Ħniena t'Alla, npattu bl-imħabba u t-tgħakkis, u nbaxxu rasna billi ninxteħtu f'riġlejh.'** Kien jgħid lil min jiġi jqerr **'Mur, Ġesu`** jħobbok.'

Fl-Iskrittura insibu diversi personaġġi li stqarrew ħtijiethom għax għarfu li dinbu, bħal fil-kas ta' **David**, li malli għaraf ħtijietu u nidem minnhom, stqarr quddiem Natan 'Jien dnibt kontra l-Mulej!' 2Sam12,13. **Neħemija u l-Lhud** meta kienu reġgħu lura f'arthom mill-eżilju bdew ir-riforma nazzjonali bl-istqarrija pubblikau kollettiva tad-dnubiet tal-poplu Neħ9,2-3. u Dan3,29. **Il-Lhud** ukoll kienu jmorru jitgħammdu minn idejn Ġwanni l-Battista u jistqarru dnubiethom. Mt3,6. **Pietru** stqarr li ma kienx jisthoqqlu jidher quddiem Ġesu` għax għaraf li hu midneb Lq5,8. **Żakkew** stqarr bl-umilta` ħtijietu Lq19,8. **Il-mara l-midinba** Lq7,36-50 u **l-mara adultera** Ġw8,9-11 taw sinjal tal-istqarrija ta' dnubiethom, u fil-parabbola tal-**iben il-ħali**, Ġesu` wera li min jidneb u jindem jasal jistqarr dnubietu Lq15,21.

Imma huwa Ġesu` **Kristu** li ta s-siġill lill-qrar meta **'nefaħ fuqhom u qalilhom, Ħudu l-Ispirtu S-Santu; Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu mizmuma.'** Ġw20,22-23. U wkoll **'Kull ma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema u kull ma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-sema.' Mt18,18.** Dan hu s-sigriet tal-qrar li nheġġiġkom terġgħu tibdew tesperjenzaw. Tieħu gost meta tara individwi, koppji u familji sħaħ, li ta' kull ġimgħa jiġu u jqerru.

Ħabib ftakar li int tkun ħieles minn dnubietek meta quddiem saċerdot, tisqarr ħtijietek. Jekk nistqarru dnubietna, **Hu fidil u Ġust**, hekk li jaħfrilna u jnaddafna minn kull ħażen 1Ġw1,8-9.

Kunu mberkin.
Rev. Fr Martin Mamo OFMCap.

---

# LAQGĦAT ELEZZJONI KUMITAT 2019/2020

Nhar il-Ħadd 24 ta' Marzu, 2019 ser isiru Laqgħat għall-elezzjoni tal-Kumitat għas-sena 2019/2020.

**Laqgħa Ġenerali għall-Bandisti u Membri Propjetarji**
Fl-10am ser issir l-Elezzjoni sabiex jiġu eletti l-President, Viċi President, Segretarju, Kaxxier, Delegat tal-Banda, Arkivista u Deputat.

**Laqgħa Ġenerali għall-Membri**
Fil-11am ser isir l-Elezzjoni sabiex jiġu eletti Asst. Segretarju, Asst. Kaxxier u erba' rappreżentanti tal-Membri.

Il-Bandisti u Membri Propjetarji kif ukoll il-Bandisti u l-Membri tas-Soċjeta` huma mħeġġa sabiex jattendu għal dawn il-Laqgħat importanti.

Simon Farrugia
Segretarju

# Impenn kontinwu mis-Soċjetà Mużikali tal-Birgu

*minn Simon Farrugia - Segretarju*

Ninsabu ftit ġimgħat biss ‘il bogħod mill-Festi tant sbieħ tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn is-Soċjeta` tagħna tkun qed tipprepara sabiex tiċċelebra dan bil-kbir. It-tradizzjonijiet kbar li jeżistu fil-Belt tagħna jmorru lura mijiet ta’ snin fejn il-parteċipazzjoni tal-Banda tal-Birgu fil-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid ikompli jkabbar l-importanza li aħna nagħtu lil dawn il-Festi.

Iżda l-impenn tagħna f’dawn il-Festi ma jiqafx biss fuq il-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira u Ħadd il-Għid. Fil-fatt apparti l-wirja ‘Ġetsemani’ li ssir ta’ kull sena f’Palazzo Huesca, f’dawn l-aħħar snin bdejna wkoll nagħmlu programm ta’ marċi funebri f’Ħadd il-Palm filgħodu. Għal din is-sena biss dan il-programm mhux ħa jsir bir-raġuni tkun li lejlet Ħadd il-Palm il-bandisti tagħna ser ikunu qed jipparteċipaw f’isem il-banda tagħna fil-Programm fl-Istitut Kattoliku mtella’ mis-Soċjeta` Filarmonika Nazzjonali La Vallette immexxi mis-Surmast ċelebri Taljan Antonino Oddo. Iddeċidejna dan għax kien ser ikun wisq impenjattiv għall-bandisti żgħażagħ tagħna li jippreparaw għal żewġ programmi f’anqas minn 24 siegħa bil-provi li jkunu jridu jsiru minn ferm qabel.

Fi ftit ġranet oħra wkoll ser ikollna l-elezzjoni tal-Kumitat għas-sena 2019/2020 fejn bħala esperiment din is-sena ser issir il-Ħadd filgħodu tal-24 ta’ Marzu li ġej. Dan sabiex nippruvaw nattiraw aktar attendenza tal-membri peress li fost il-ġimgħa l-impenji ta’ kulħadd ħafna drabi huma bla limitu. Din l-elezzjoni ser tfisser ukoll it-tmiem tal-Presidenza tas-Sur Lawrence V. Farrugia wara 32 sena u aktar minn 50 sena ħidma fi ħdan is-Soċjeta`. Minkejja li nħossni skomdu li nsemmi dak li nkiseb taħt il-Presidenza tiegħu minħabba raġunijiet ovvji, imma nemmen li l-kelma ‘Grazzi’ hija l-anqas li nistgħu nwasslu lil din il-persuna li tat ħajjitha għas-Soċjeta` Mużikali tagħna li llum saret waħda mill-ewlenin flimkien mal-Banda tagħha li dejjem qed tkompli tkabbar is-suċċessi tagħha.

L-impenn min-naħa tal-Kumitat għaddej b’ritmu tajjeb fejn hemm ħidma bla waqfien kemm mil-lat amministrattiv kif ukoll xogħol fil-Palazz u dak bandistiku. Tajjeb ngħidu li rnexxielna niksbu fondi kemm mill-Aġenżija Żgħażagħ kemm minn Skema A kif ukoll minn Skema B kif ukoll fondi mill-VOPS, kollha relatati mat-tagħlim mużikali u l-ħidma sabiex inkomplu nkabbru l-isem tal-Banda tagħna. Hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min qed jaħdem f’dan ir-rigward b’ mod partikolari lis-Sur Bjorn Callus u lis-Surmastrijiet. Inżid ma’ dawn lis-Soċjetajiet Mużikali li qed naħdmu magħhom f’waħda mill-iskemi fejn ser inkunu qed norganizzaw Master Classes għal dawk li qed jaspiraw li jsiru Diretturi Mużikali taħt il-kordinament tas-Surmast Alan Chircop.



Fil-Palazz għadu kemm sar xogħol ta’ tibjid u restawr fin-naħa ta’ wara tal-Palazz fejn il-Viċi President Noel Gauci ħadem ħafna biex lestejna dan il-proġett. Minbarra dan sar ukoll xogħol fil-kċina ta’ fuq fejn issa għandna kollox ta’ livell grazzi għall-impenn li wrew numru ta’ membri tal-Kumitat immexxija mill-Kaxxier is-Sur Lawrence Farrugia.

Ftit tal-ġranet ilu organizzajna attivita soċjali fis-Sala tal-Kunċerti ta’ Palazzo Huesca. Din kienet Pasta Night nhar is-Sibt 9 ta’ Marzu fejn din kienet suċċess kbir. Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali li qatt ma naqtgħu qalbna u dejjem inġibu l-interess tas-Soċjeta` li aħna tant inħobbu l-ewwel u qabel kollox. L-attivita` li jmiss issa ser tkun l-Easter Buffet Breakfast fejn konna aħna l-ewwel għaqda li ħriġna bl-idea ta’ din l-attivita` snin ilu. Nappella lill-membri tagħna li wara l-funzjoni tal-Knisja ningħaqdu flimkien biex nibdew niċċelebraw bħala familja din il-Festa tant sabiħa tal-Għid il-Kbir. Festa li għalina l-Lawrenzjani Vittoriosani tfisser il-bidu tat-triq li twassalna għall-Festa tal-Patrun tal-Belt tagħna San Lawrenz. Fil-fatt mad-daqq tan-noti tal-Innu Marċ kompożizzjoni ta’ Giuseppe Frendo jibda jinħass dak l-entużjażmu fina lkoll.

Finalment nixtieq ukoll ninforma lill-membri tagħna li l-Banda Vittoriosana San Lawrenz ser tkun qed tieħu sehem attiv fl-attivitajiet li sejrin isiru bejn is-27 u t-30 ta’ Lulju ta’ din is-sena sabiex ifakkru l-75 sena mill-miġja lura tal-istatwa titulari wara l-gwerra. Fit-28 ta’ Lulju ser nagħtu s-sehem tagħna waqt akkademja mużikali li ser issir fil-Kolleġġjata filwaqt li fit-30 ta’ Lulju l-Banda ser tagħti s-sehem tagħha b’servizz waqt il-purċissjoni mill-Kolleġġjata ta’ Bormla għal dik tal-Birgu. Dik hija il-Banda tal-Parroċċa li dejjem tkun hemm fl-aqwa attivitajiet tagħti s-sehem tagħha mingħajr ħlas għax temmen fir-responsabbilitajiet li għandha biex tibqa’ tkun dejjem kif dejjem kienet, il-Banda tal-Birgu.

# Il-Kumitat mistieden tas-Soċjetà Filarmonika Leone

Nhar il-Ħadd 3 ta' Frar il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali fi ħdan is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz organizzat ħarġa fil-gżira Għawdxija. Il-ġurnata bdiet b'quddies fil-Parroċċa ta' San Lawrenz, bil-grupp wara jżur il-Belt Victoria, Marsalforn u x-Xlendi. Il-Kumitat tas-Soċjetà kien ukoll il-mistieden tas-Soċjetà Filarmonika Leone fejn ġejna mdawrin mat-Teatru Aurora u l-każin meraviljuż tas-Soċjetà. Iż-żewġ Soċjetajiet Mużikali taw tifkira lil xulxin f'din l-okkażjoni. Ta' min ifakkar li l-Banda Vittoriosana San Lawrenz tieħu sehem attiv fil-Festa tal-Assunta hekk kif tagħmel is-servizz ta' nhar it-13 t'Awwissu.



# Aktar fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ





Fil-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija Żgħażagħ saret il-presentazzjoni lis-Soċjeta' tagħna wara li kkwalifikajna għall-fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ għas-sena 2019 taħt Skema A kif ukoll B. Fil-fatt ġibna s-soltu fondi li jkopru salarji tas-Surmastrijiet tal-iskola tal-mużika, kif ukoll xi aċċessorji oħra fosthom Team Building Session f'Għawdex għall-Allievi. U l-iskema l-oħra ikkwalifikajna ma' ħames baned oħra fejn ħadna € 2,000 biex norganizzaw Master Classes fuq Direzzjoni.

# Lawrence Renes iżur Palazzo Huesca



Nhar il-Ħadd 27 ta' Jannar, 2019 id-Direttur Mużikali ta' fama internazzjonali Lawrence Renes żar Palazzo Huesca, sede tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Huwa ġie mdawwar madwar dan il-Palazz uniku f'Beltna fejn baqa' impressjonat bil-ġmiel u r-rikkezzi, speċjalment dawk mużikali, li jipposjedi. Renes kien jinsab f'pajjiżna hekk kif ġurnata qabel huwa tella' kunċert flimkien mal-Malta Philarmonic Orchestra 'The Romantic Symphony'. Imwieled fl-1970 Lawrence Renes għandu rabtiet kbar mal-Belt tagħna u ma' San Lawrenz peress li ommu hija mill-Birgu u fuq kollox kif jindika ismu.

# Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz b'servizz funebru fil-Belt Valletta



Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Marzu, 2019 il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-Pellegrinaġġ bl-istatwa ta' Ġesu Redentur li ħarġet mill-Knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta. Is-servizz beda fil-5.30pm fejn il-Banda tal-Birgu daqqet għal darb'oħra fil-Belt Kapitali bil-purċissjoni tgħaddi minn Old Bakery Street, Archbishop Street, Republic Street, Melita Street u lura għall-Knisja ta' Santu Wistin. Servizz ieħor suċċess mill-Banda tal-Birgu.

# Tagħrif mill-Kċina

*minn MaryRose Gauci*



## Torta taċ-Ċikkulata għal żmien l-Għid

**Ingredjenti:**

*Għall-għaġina:*
175 ml ħalib fietel
Bajda imħabbta
450g dqiq mgħarbul
2 kuċċarini ħmira mnixxfa
50g caster sugar
250g butir kiesaħ, imqatta'
Niskata melħ

*Biex tiżboħ il-wiċċ:*
l-isfar ta' bajda
3 imgħaref ħalib
Zokkor ismar, biex troxx

*Għall-mili:*
200g lewż inkaljat ħafif u mqatta' għat-tul
50g icing sugar
25g cocoa powder
50g butir
l-abjad ta' bajda
50g ċikkulata skura, imkissra biċċiet żgħar

*Għall-ġelu:*
50g icing sugar



**Metodu:**
Ħallat flimkien il-ħalib u l-bajda fi skutella żgħira. Poġġi d-dqiq u l-butir fi skutella kbira u daħħal il-butir fid-dqiq sakemm isir bħal frak tal-ħobż. Żid il-ħmira, iz-zokkor u niskata melħ, u ħawwad kollox flimkien. Agħmel ħofra f'nofs it-taħlita u ferra' l-bajda u l-ħalib fiha. Għaqqad l-ingredjenti flimkien b'idejk. Roxx il-mejda bid-dqiq u aqleb it-taħlita fuqha; agħġen ftit sakemm tagħqad. Iftaħ l-għaġina f'rettanglu u itwi ż-żewġt iġnub il-qosra 'l ġewwa biex jiltaqgħu fin-nofs; erġa' itwi l-ġnub għan-nofs għat-tieni darba. Iftaħ l-għaġina f'rettanglu għal darb'oħra u rrepeti l-proċess tat-tiwi. Geżwer l-għaġina fil-cling film u ħalliha toqgħod fil-friġġ għal mill-inqas 4 sigħat jew tul il-lejl.
Għall-mili: kisser 150g mil-lewż mal-icing sugar, u cocoa powder, żid il-butir u l-abjad tal-bajd, u ħallat sakemm isiru paste. Żid iċ-ċikkulata u daħħalha fit-taħlita b'mgħarfa. Idlek landa tal-qiegħ jinqala' ta' 23ċm bil-butir. Aqsam l-għaġina f'biċċtejn, waħda kemm kemm ikbar mill-oħra. Bil-parti l-kbira iksi l-qiegħ u l-ġnub tal-landa. Ifrex il-mili ugwalment mal-qiegħ kollu. Iftaħ il-kumplament tal-għaġina f'ċirku u poġġih fuq il-mili. B'sikkina aqta' l-għaġina żejda minn mad-dawra u b'subgħajk oqros ftit it-truf flimkien. Għatti l-landa bil-cling film u ħalliha toqgħod f'post għas-shana għal madwar siegħa. Saħħan il-forn għal temperatura ta' 160°C.
Ħabbat l-isfar tal-bajda mal-ħalib u bihom idlek il-wiċċ tat-torta u ferrex il-kumplament tal-lewż u ftit zokkor ismar. Aħmi għal 40-45 minuta sakemm it-torta tintnefaħ u tieħu kulur ħamrani. Oħroġha mill-forn u ħalliha tibred għal siegħa. Fi skutella żgħira ħoll l-icing sugar bi ftit qtar ta' ilma kiesaħ. Aqla' t-torta mil-landa u poġġiha fuq platt ċatt, u b'mgħarfa ferrex il-ġelu fuq wiċċ it-torta.

---

## Informazzjoni:
## Ħaxix u meta jkun fis-suq f'Malta



Artiċokk (*Jerusalem Artichokes*) – minn Ottubru sa Mejju;
Basal *(onions)* – is-sena kollha;
Basal Żgħir (*Spring Onions*) – is-sena kollha;
Brokkoli *(Broccoli)* – minn Ottubru sa Ġunju;
Brunġiel *(Eggplant)* – is-sena kollha;
Bużbież (*Fennel)* – minn Ottubru sa Mejju;
Bżar aħdar *(Green Pepper)* – is-sena kollha;
Bżar aħmar / Felfel (*Chilli*) – minn Mejju s'Ottubru;
Bżar aħmar ħelu (*Sweet Red Peppers*) – is-sena kollha;
Ċentinarja (*Chayote*) – minn Ottubru sa Jannar;
Ċiċri *(Chickpeas)* – minn Mejju sa Ġunju;
Faqqiegħ (*Mushrooms*) – is-sena kollha;
Fażola *(Beans)* – minn Mejju sa Jannar;
Ful *(Broad beans)* – minn Marzu sa Mejju;
Ġdur *(Kohlrabi)* – is-sena kollha;
Ħass *(Lettuce)* – is-sena kollha;
Ħass Aħmar *(Red luttuce)* – is-sena kollha;
Ħjar *(Cucumber)* – is-sena kollha;
Indivja *(Endive)* – minn Ottubru s'April.

# Amilcare Ponchielli

*jikteb Christopher Pisani - Arkivista*

Hekk kif jgħaddi l-Milied, ħafna jibdew jaħsbu li l-ħajja ġiet lura għan-normal u li l-festa l-kbira li jmiss tkun l-Għid il-Kbir. Min hu dilettant sew tal-festi, u l-iktar aħna l-Vittorjożani, din il-formula ma tgħoddx. L-ewwel il-Milied, imbgħad San Pawl (għax jiġi sitt xhur biss qabel San Lawrenz), imbgħad il-Ġimgħa l-Kbira u magħha l-Għid il-Kbir. U malajr nibdew naħsbu għall-ewwel Erbgħa ta' San Lawrenz u f'kemm ili ngħidlek, inkunu miġburin bħala poplu Vittorjożan ġewwa l-knisja biex nilqgħu lil San Lawrenz fil-ħruġ min-niċċa. Imma minn dawn il-festi kollha, apparti San Lawrenz, il-Ġimgħa l-Kbira hija waħda mill-festi għall-qalb il-Vittorjożani (inkluż il-bagigga nhar Sibt il-Għid).

Imma meta naħseb fuq il-Ġimgħa l-Kbira, ma tistax ma taħsibx fil-marċi funebri; dik id-daqqa tal-katuba mal-pass meqjus tar-reffiegħa, u mal-pass bħal qisu ritmiku tal-bandisti quddiem il-Vara l-Kbira. Personalment, kulħadd jaf li jien wieħed li nikkomponi l-marċi funebri, għax il-marċi funebri għalija huma mod ta' espressjoni sabiħa. Imma meta nħares lejn in-numru ta' marċi funebri li għandna ġewwa l-arkivji tagħna, b'mod speċjali lejn is-sbuħija tagħhom, nintilef u l-ewwel kelma li tiġini hija 'Kemm kien hawn ġenji li għaxqu l-poplu bil-marċi tagħhom'. Fost dawn il-kompożituri nsibu lil Hector Dalli, Paul Schembri, Giuseppe Frendo, Antonio Mellili, Dun Alwig Fenech, Lorenzo Galea, Salvino Fabri, Publio Borg u Vincenzo Ciappara. Dan biex ma nsemmux kompożituri barranin li ħallew teżor fl-arkivji tagħna, bħal Luigi Cirenei, Amadeo Amadei, Beccuci, Giovanni Giumarra, De Michelis u Amilcare Ponchielli. Mhux ta' b'xejn li fil-Ġimgħa l-Kbira, meta ħafna baned Maltin ikunu qed idoqqu fl-istess ħin, issib min jiġi apposta l-Birgu biex jisma' l-banda tal-Birgu ddoqq dik il-ħlewwa liema bħala.



Appuntu Amilcare Ponchielli huwa l-kompożitur li jmiss għal din il-ħarġa li jmiss. Ponchielli twieled nhar il-31 t'Awwissu tal-1834 ġewwa Paderno Fasolaro, ħdejn Cremona. Paderno Fasolaro kien jagħmel parti mir-renju tal-Lombardija Veneta, u llum il-ġurnata jismu Paderno Ponchielli. Missieru kien organista u kien hu li ta l-ewwel tagħlim mużikali lil ibnu. Fl-eta` tenera ta' 9 snin, Ponchielli daħal jistudja l-mużika fil-konservatorju ta' Milan. Hemm, hu dam 11-il sena jistudja b'xejn. Ponchielli studja taħt Arturo Angeleri fuq il-pjanu u Pietro Ray fuq it-teorija. Ta' 10 snin, hu kiteb l-ewwel sinfonija fuq partitura ridotta. Fl-1851, beda jieħu struzzjonijiet fuq il-kompożizzjoni mingħand Felice Frasi, fejn dan kompla jinklina lil Ponchielli lejn l-opra.

Fl-1854, Ponchielli gradwa mill-konservatorju u bħala impjieg, beda billi ħa l-pożizzjoni t'organista fil-knisja ta' Cremona. Fis-sena ta' wara, ingħata l-kariga ta' assistant direttur tat-Teatru Concordia. F'dan it-teatru fl-1856, indaqqet għall-ewwel darba l-opra tiegħu '*I Promessi Sposi*', fejn kellha suċċess konsiderevoli. Fil-15-il sena ta' wara, Ponchielli għadda minn żmien diffiċli, għaliex ftit li xejn il-kompożizzjonijiet tiegħu irnexxielhom jagħmluha sa fuq il-palk, u l-ftit li irnexxielu jesegwixxi, mhux li tgħid li ntlaqgħu tajjeb.



Fl-1864, Ponchielli laħaq direttur tal-banda ta' Cremona, fejn minn hemm beda jaħdem fuq xogħol stil ta' ballu bl-isem ta' *Grisetta*. Ma' din il-banda, Ponchielli irranġa u kkompona aktar minn 200 xogħol bandistiku. Jista' jagħti l-kaz li kien f'dan iż-żmien li kkompona l-marċ funerbu bl-isem ta' *A Mio Padre*, li l-banda tagħna irrekordjat fuq CD fis-sena 2008. Is-suċċess ma kienx xi wieħed kbir, imma xorta waħda kien biżżejjed biex jitfa' l-attenzjoni tiegħu fuq l-opra. Sadanittant, wara li rreveda l-opra *I Promessi Sposi*, fl-1872 reġa' esegwixxa din l-opra f'Milan, din id-darba b'suċċessi kbar, tant li fil-jiem ta' wara, din l-opra daret it-teatri taljani kollha. Ukoll, Ponchielli kien irnexxielu jissieħeb mad-ditta Ricordi, fejn din bdiet tippubblika x-xogħolijiet tiegħu, inkluż l-aktar xogħol riċenti ta' suċċess *Le Due gemelle*, ballu li ndaqq l-ewwel darba ġewwa La Scala fl-1873.

Fl-1874, Ponchielli żżewweġ lis-Sopran Teresina Brambilla. Minn dan iż-żwieġ, Ponchielli kellu 3 itfal. Pero` l-akbar suċċess għal Ponchielli kien meta fuq librett ta' Arrigo Boito, fl-1876 hu kkompona l-opra *La Gioconda*. Din l-opra kellha suċċessi kbar kemm fl-Italja kif ukoll madwar l-Ewropa kollha inkluż ġewwa San Pietruburgu fejn sal-1884 hu stess kien għadu jattendi għall-eżekuzzjonijiet ta' din l-opra. Fl-1880, wara dan is-suċċess, kellu suċċess ieħor meta kien inħatar bħala direttur tal-kompożizzjoni fil-Konservatorju ta' Milan. Fl-1881, kien inħatar ukoll bħala Maestro di Cappella tal-Katidral ta' Bergamo.

Ta' min jgħid li fi żmienu, Giuseppe Verdi biss kien jgħaddih mill-popolarita`. Ponchielli apparti l-opra, kien kiteb ukoll numru ta' xogħolijiet orkestrali, ballijiet, chamber music, u xogħolijiet għall-vuċijiet diversi. Importanti li wieħed isemmi li Ponchielli kien l-għalliem ta' kompożituri kbar oħra, fosthom, Umberto Giordano, Pietro Mascagni u Giacomo Puccini. Fis-sena 1940, is-silta mill-opra *La Gioconda* bl-isem *Danza delle Ore*, kienet ukoll ġiet featured f'Fantasia. Opri oħrajn ta' suċċess li kkompona Ponchielli huma, I Lituani, I Mori di Valenza, Il Figliuol Prodigo, u Marion Delorme.

Ponchielli miet b'kawża ta' pulmonite ġewwa Milan fis-16

# Wiċċ Imb'wiċċ mas-Surmast Lawrence Renes

*minn Paul Micallef*

**Preludju**
Meta xi erbgħin sena ilu mort btala l-Olanda ma' ħabib tiegħi Lawrence Spiteri, fuq stedina li kellna morna nżuru familja li l-omm kienet mill-Birgu, aħna nafuha bħala ta' Ezzu l-iskarpan. Il-post kien jismu Alkmaar u kien u għadu magħruf għall-produzzjoni tal-ġobon. Waqt li konna hemmhekk, tfaċċa it-tifel żgħir li forsi kellu 8 snin li beda jdoqq l-innu marċ ta' Giuseppe Frendo fuq il-vjolin tiegħu. Naturalment jien u sieħbi tpaxxejna u ammirajna lil dan it-tifel li f'nofs l-Olanda isemmalna dik il-melodija li hi tant għall-qalbna. L-istorja waqfet hemm għal dakinhar ... sakemm ...

**Erbgħin sena wara....**
Is-sena l-oħra qrajt li ċertu direttur ta' fama mondjali ta' oriġini Maltija u, jekk ma tridx bl-isem ta' Lawrence ġej Malta biex jagħti kunċert. Għajnejja għokritni meta rajt l-avviż u wara li għamilt xi mistoqsijiet ħsibt li probabilment dan id-direttur m'hu ħadd ħlief dak it-tifel żgħir idoqq il-marċ ta' Frendo bil-vjolin f'nofs l-art tat-tulipani għexieren ta' snin ilu. Staqsejt, ċempilt, indagajt biex nagħmel kuntatt miegħu ħalli niċċara id-dubji tiegħi u eventwalment nagħmillu interviżta, pero` laħaq ħarabli.

**Sena Wara**
Din is-sena erġajt qrajt li dan l-istess direttur reġa' ġej Malta biex jagħti kunċert Dar il-Mediterran. Għidt bejni u bejn ruħi 'Darba ħarab, it-tieni darba le.' Għamilt il-kuntatti meħtieġa permezz ta' emails u telefonati u fl-aħħar Lawrence stess ġie jsibni il-każin tal-Banda il-Ħadd filgħodu biex jiltaqa' miegħi u nitkellmu fuq il-possibilta` tal-interviżta. Iltqajt miegħu waqt li Lawrence Farrugia (ta' Doda) kien qed idawwru is-swali tal-każin u baqa' immeravilјat bl-għana tal-każin tagħna speċjalment f'dawk li huma strumenti. Kienet ħasra li qatt ma sar kuntatt miegħu qabel direttur ta' dak il-kalibru. Intant ftehemna għal filgħaxija il-każin biex nagħmlu din l-interviżta u iltqajna u … dan hu dak li ħareġ.

**Interviżta**
Għalkemm ġieli rajt ritratti tiegħu fil-ġurnal, sibt lil Lawrence bi tbissima, karattru mill-isbaħ, umli u tista' tkompli titkellem miegħu għal ħafna żmien mingħajr ma tiddejjaq imqar sekonda.
Bħas-soltu bdejna bid-dettalji tal-familja tiegħu. Missier Lawrence jismu Kees Renes li kien jaħdem man-Navy u ommu Josephine xebba Bonniċi li fil-Birgu kulħadd kien jafha bħala ta' Ezzu l-iskarpan u li kienu joqogħdu fi Triq it-Tramuntana viċin id-dar Normanna. Hu twieled fit-8 ta' Marzu tas-sena 1970, jiġifieri illum għandu 49 sena, f'Den Helden fl-Olanda u wara mar joqgħod ma' ommu post ieħor Alkmaar (fejn iltqajt miegħu jien) wara li l-ġenituri tiegħu iddivorzjaw.
Bix-xieraq, hu ġie imsemmi għall-nannuh u naturalment għal San Lawrenz u żied li nanntu Andreana kienet marret għall-magħmudija tiegħu u anke qagħdet parrina. Hu għandu ħuh ieħor iżgħar minnhu tliet snin bl-isem ta' Ronald.
Għalkemm hu ma jitkellimx bil-Malti, pero` jekk mhux kollox, jifhem ħafna kliem Malti għax ommu dejjem rabbietu kemm jista' jkun fl-ambjent Malti. Għajnejn Lawrence jixgħelu x'ħin jitkellem fuq Malta, speċjalment fuq iż-żmien nostalġiku u romantiku ta' tfulitu, meta kull sena kien iqatta' madwar xahrejn il-Birgu. Il-memorji sbieħ u luċidi tal-Birgu ta' 40 sena ilu għadhom ċari f'moħħu u kif spjegali kien l-aqwa żmien ta' ħajtu. Tifhem ukoll li għalih Malta u l-Birgu kienu isbaħ għax għalih din kienet tkun btala u kien jista' jara u jitbaskat fix-xemx kemm irid u mhux kien ikollu jistenna il-jiem għal dik Olandiża. Kien ikun jista' jaqbeż kemm irid fil-famuża Toqba beach ġirbija li għalih kienet aqwa minn Copa Cabana jew Bondi beach…



**Tifkiriet**
Kieku kelli nikteb dak kollu li qalli fuq il-memorji tiegħu ma kont nieqaf qatt. Lawrence jiftakar lin-nannuh jieħdu fuq is-swar u jgħidlu l-istejjer. Jiftakar l-għawm u l-qbiż it-toqba u hu u niezel kien jiggosta (forsi għall-aħħar darba) il-fniek ħajjin fil-gaġġeġ barra għand Pawlu tal-laħam fi Triq Britannia (illum Hilda Tabone). Qalli li wara li kien jitla' kien jinnota (u jaħseb ukoll b'dieqa) li n-numru tagħhom jkunu naqsu … u sabu id-destin tagħhom maz-zalza u t-tewm fuq il-platt. Ftakar li nanntu ma kellhiex shower għalhekk kienu jinħaslu billi jitfawlhom l-ilma ċar u frisk mil-bir, pero` dejjem kellu biża u misthija li jkollhom ineżżgħuh għarwien quddiem kuġintu Lorraine!
Iħobb il-ħobża u l-ftira biż-żejt Maltija u anke l-pastizzi, għalkemm iħobb tal-irkotta għax tal-piżelli ma jiggustahomx. Jiftakar sew li meta kienu jiġu Malta, il-familja kollha kienet tkun tistennihom l-ajruport u kienu jħossuhom qishom VIP's … fil-fatt mur għidlu dak iż-żmien li hekk kellu jsir meta jikber. Jiftakar li kienu jmorru bil-private jgħumu il-bajja tal-Armier. Jiftakar li kienu jilgħabu il-ballun fi Triq il-foss u zitu Lora kienet iġġiblu x'jixrob. Jiftakar li nannuh kien jibgħatu jixtri il-ħobz mingħand il-furnar. Għadha ċara quddiem għajnejh waħda mara li kienet tbiegħ u tqaxxar il-bajtar tax-xewk b'idejha, jkunu ħoxnin u raffi. Jiftakar li jmur fuq il-bejt ta' zitu jilgħabu bil-ballun u anki jitfgħu is-sunetti waqt il-marċijiet tal-festa u għala le… għadu jiftakar meta kellu tnax-il sena, ħass is-sħana tax-xufftejn u l-imnifsejn waqt li tiegħem l-ewwel bewsa tiegħu ma' tfalja (jew tifla ) Maltija … Kif qatt wieħed jista' jinsa mument sagru bħal dak u meta dan iseħħ fuq '*island in the sun*'. O żmien ħelu kif ħallejtni.

**Sejba bikrija tat-talent**
Lawrence irrakontali storja ħelwa, meta kellu xi 15-il sena, għalkemm kien iġib il-vjolin miegħu, minħabba l-istorbju ma kienux iħalluh idoqq id-dar, għalhekk kienu sabulu dar vojta fi Triq Brittanika u kien imur hemm biex jiprova l-istrument. Jiftakar li darba minnhom waqt li kien għaddej bil-provi, ħabbat il-bieb u daħal raġel pulit li talbu sabiex jieħu sehem mal-orkestra waqt l-opra Tosca li kienet se tittella' f'Malta. Irriżulta li dak ir-raġel ma kien ħadd ħlief is-surmast Joe Sammut! Lawrence qalli li żmien wara kien mar biex jerġa' jiltaqa' miegħu.

**Effett fuq ħajtu**
Lawrence saħaq għal bosta drabi li dawn it-tifkiriet ħallewlu impatt kbir fuq ħajtu u l-karattru issawwar madwar dawn il-memorji. Fil-fatt fir-rakkonti tiegħu fakkarni fiż-żminijiet tal-iskola, meta fis-sillabu kellna il-ktieb ta' Gerald Durell, 'My Family and other animals' dwar l-avventuri tiegħu bħala tifel fil-gżira griega ta' Korfu. Lawrence żied li llum, għalkemm laħaq il-quċċata tal-karriera, għad għandu nostalġija għajjura għas-sempliċita` li hu daq u esperjenza fit-toroq dojoq ta'

Beltna (u Beltu). Qalli li anke meta jigi Malta, hu jippreferi joqgħod fuq id-dgħajsa tiegħu sorġuta fix-xatt tal-Birgu bl-isfond tal-faċċata majestuża tal-parroċċa tagħna, milli xi lukanda lussuża għax jieħu gost li kuljum jara, jinżel u jterraq fil-Belt Vittoriosa. Qalli li sahansitra, fl-Amerika kien hemm nies li lesti jħallsu anki sa 20,000 dollari biex imorru jieklu miegħu pero`, hu kien jipreferi hemm fil-bar tal-każin bi flixkun birra kiesħa Maltija u xi ħaġa xi jnaqqar bħal galletta bil-ġbejniet u biċċa ħobż bil-bigilla … U naturalment fil- kumpanija ta' persuna importanti bħali!



**Il-karriera Mużikali**
Meta staqsejtu dwar il-karriera mużikali tiegħu, weġibni li kważi bdiet b'kumbinazzjoni. Dan għaliex għall-ewwel hu kien se jtiha għall-ġimnastika wara li kien rebaħ kompetizzjoni nazzjonali. Li ġara hu li biex ikompli jippratika dan l-isport, kellu jmur 'il bogħod ħafna mid-dar, ħaġa li ommu għar-raġunijiet loġistiċi ma xtaqitx. Minflok, ħabib tiegħu kien ħajru biex jibda jitgħallem u jdoqq il-vjolin.

**Id-direzzjoni mużikali**
Minn hemm Lawrence ma ħarisx lura u kompla jistudja il-vjolin u ta' 14-il sena diġa` kien idoqq mal-Orkestra Nazzjonali taż-Żgħażagħ Olandiza u beda jdur mal-pajjiżi tad-dinja. Wara hu beda jistudja id-direzzjoni u llum hu lawrejat kemm fil-vjolin kif ukoll fid-direzzjoni. Hawn hu spjegali bil-paċenzja li d-direzzjoni hi linja kompletament differenti u bidilli il-fehma li d-direzzjoni tal-orkesta titħalla lil xi surmast anzjan eżattament meta jkun se jerfa' mill-karriera. Lawrence beda jidderieġi sa minn meta kellu 16-il sena. Meta staqsejtu dwar kompożizzjoni, hu qalli li hu qatt ma kkompona għax dik hija linja differenti mid-direzzjoni.

**Tlaqqigħa Maltija**
Illum Lawrence Renes hu surmast ta' fama internazzjonali li jdur mad-dinja kollha fl-aqwa teatri, jidderiġi l-aqwa orkesti u mużiċisti tad-dinja. Fil-fatt, anke l-għada stess li għamilna l-intervizta, kellu jmur l-Amerika. Hawn Lawrence irrakkontali anedottu meta darba f'Hamburg il-Ġermanja, hu kien qed jidderieġi l-opra ta' Giacomo Puccini, Madama Butterfly fl-Opera House Nazzjonali u wara r-rappreżentazzjoni iltaqa` mas-soprana wkoll ta' livell mondjali, li hi wkoll mill-Birgu, Miriam Gauci li kienet qed tinterpreta il-karattru ta' Butterfly u kellimha bil-Malti. Hi skantat u tgħidx kemm ferħet bih li hu wkoll Malti u mill-Birgu u it-tnejn qed jagħmlu isem mhux biss lilhom iżda lill-Birgu u lil Malta.

**Familja**
Ta' 33 sena, Lawrence iżżewweġ lil waħda mil-mużiċisti tiegħu, Irina Simon mir-Rumanija u llum għandu tifel ta' 14-il sena bl-isem ta' Luca Lawrence. Ma stajtx ma nsaqsihx fuq jekk hux interessat fil-mużika bħalu. Hu weġibni li għalkemm iva għall-ewwel beda jitgħallem il-vjolin, pero` illum qaleb kompletament u qed jittrenja għall-futbol, għall-goalkeeper biex inkun ezatt. Vittoriosa Stars … please note!

**Illum**
Lawrence kompla u qalli li għalkemm id-djarju tiegħu hu imballat u jiġri minn post għall-ieħor, lil Malta u speċjalment il-Birgu baqa' jħobbu u jgħozzu, tant li hu jipprova jiġi imqar 4 darbiet fis-sena. Għal dan il-għan, fil-passat hu anke xtara propjeta` f'Malta li issa pero` m'għadhiex għandu. Għalkemm jiġi biex jistrieħ, issa li l-fama tiegħu kibret u kulħadd sar jaf bih, qed ikollu wkoll impenji f'Malta bħalma kienet din l-istess okkażjoni.

**Opinjonijiet**
Bħas-soltu tlabtu kif jaħsibha dwar il-mimmi t'għajnejh … il-Birgu. Qalli li hu kburi li familtu ġejja mill-Birgu u kull fejn ikun dejjem isemmi li hu Malti u anke jirreferi għall-Birgu. Hu kompla li l-Birgu bħal kollox inbidel ħafna, pero` n-nies għadhom ħelwin u dħulin. Illum il-Birgu sbieħ u minħabba f'hekk qed jattira iktar barranin li jiġu hawn u hekk il-propjeta` għoliet bir-riżultat li ħafna Vittorjożani li anke xtaqu joqogħdu hawn illum ma jistgħux. Qalli li dan anke ġara lill-familjari tiegħu stess.
Lawrence li ħajtu hija l-mużika qalli li l-każin tal-banda fortunatament għadu iċ-ċentru tal-ħajja soċjali Maltija u dan minkejja it-tibdiliet u l-progress li sar. Hu qalli li bil-ħila ta' dawn is-soċjetajiet qed irawwmu lit-tfal u anke minnhom jistgħu joħorġu mużiċisti u diretturi tal-futur li anke jistgħu jkunu parti mil-Orkestra Nazzjonali.

**Mużika Klassika**
Hu jixtieq li l-baned Maltin inkluża il-banda tagħna iddoqq iktar mużika klassika. Hawn jien spjegajtlu li fil-passat hekk kien jiġri pero` l-iktar fil-kunċert li qabel kien isir f'lejlet il-festa bir-riżultat li ħafna nies speċjalment żgħażagħ u dawk li ma kienux midħla tal-mużika klassika kienu jitnaffru mill-pjazza u kienu jispiċċaw fil-bars jew id-dar. Komplejt li llum il-prassi hi li fil-kunċerti mużikali tindaqq iktar mużika popolari u tal-widna bħal mużika semi-klassika, mużika minn films, musicals jew kanzunetti li llum jitqiesu klassiċi. Fuq din, filwaqt li insista li mhux qed jikkritika, ma jaqbilx.

**Soċjeta` Mużikali San Lawrenz**
Dwar is-soċjeta` tagħna li forsi issa beda jqarreb lejha, anke wara il-mawra u l-ispjegazzjoni, hu baqa' impressjonat bil-faċilitajiet li hawn, specjalment f'dak li huma strumenti u tagħlim. Kienet inevitabbli il-mistoqsija u forsi (azzardajt għan-nom tas-soċjeta`) li stedintu li xi darba fil-futur issir xi attivita` bil-parteċipazzjoni tiegħu minkejja l-impenji iffullati li għandu. Bla ma ħasibha darbtejn, hu qalli li iva diġa` beda d-diskussjonijiet kemm ma' nies mil-Birgu, kif ukoll anke fuq livell nazzjonali li ssir xi attivita` fil-Birgu fil-futur.

**Sitwazzjoni Maltija**
Dwar is-sitwazzjoni mużikali Maltija Lawrence qalli li jinħtieg b'mod urġenti li f'Malta jkun hawn post li fiha jistgħu jsiru kunċerti ta' livell internazzjonali bħal m'hemm f'pajjiżi oħra għax li hawn bħalissa huma żgħar u mhux addattati għal ċerti kunċerti kbar u ta' livell. Hekk Malta tista' wkoll toħloq niċċa ġdida ta' turiżmu. Fil-fatt semmejtlu li darba kien hemm ħsieb li jsir xi ħaġa simili flok il-power station tal-Marsa u hekk tista' tiġi ġġenerata dik l-area.

**Għeluq**
Biex nagħlaq jien m'għidtlux saħħa iżda 'arrivederci' u nittama li forsi b'din il-laqgħa u l-intervizta` tkun il-bidu ta' relazzjoni twila, dejjiema u li tħalli frott. Min-naħa tiegħu hu jinsab lest u anzjuż. Aħna għandna nkunu kburin li dan id-direttur ta' demm Vittorjożan ta' fama mondjali (u li forsi għadna ma apprezzajniehx biżżejjed) u li għadu tant żgħir fl-eta`, tant jgħozz it-tifkiriet tal-Birgu u li dan wasslu li jibqa' jħobb lill-Birgu tagħna. Sa laqgħa oħra, arrivederci Lawrence, u nittamaw li ma ndumux ma nerġgħu narawk.

# ATTIVITA` GĦAX-XHUR TA' MARZU - APRIL 2019

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 2 ta' Marzu | Fl-10,00am Laqgha tal-Kummissjoni Finanzi |
| L-Erbgha 6 ta'Marzu | Bidu tar-Randan |
| Il-Gimgħa 8 ta' Marzu | Fil-5.30pm Sehem tal-Banda San Lawrenz fil-purċissjoni ta' Kristu Redentur fil-Belt |
| Is-Sibt 9 ta' Marzu | Fit-8.00pm Ikla familjari fil-Każin tal-Banda |
| Il-Ħamis 14 ta' Marzu | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kumitat Centrali |
| It-Tlieta 19 ta' Marzu | Festa Pubblika San Ġużepp |
| L-Erbgħa 20 ta' Marzu | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kummissjoni Banda |
| Il-Ħadd 24 ta' Marzu | Laqghat Ġenerali għall-għazla tal-Kumitat għas-snin 2019-2020<br>Fl-10.00am Ghal Bandisti u Membri Propjetarji<br>Fil-11.00am għal Membri |
| L-Erbgha 27 ta' Marzu | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali |
| Il-Ħadd 31 ta' Marzu | Jum il-Ħelsien |
| It-Tlieta 2 ta' April | Fis-6.30 Laqgħa tal-Kummissjoni Banda |
| Il-Ġimgħa 5 ta' April | Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi |
| Il-Ħamis 11 ta' April | Ftuħ tal-Wirja tal-Ġimgha l-Kbira |
| Il-Ġimgħa 12 ta' April | Tifkira tad-Duluri ta' Ommna Marija Santissima |
| Il-Ġimgħa 19 ta' April | Tifkira tal-Mewt u l-Passjoni ta' Sidna Ġesu` Kristu<br>Sehem tal-Banda fil-purċissjoni tal-Ġimgha l-Kbira |
| Is-Sibt 20 ta' April | Wara l-Funzjoni ta' Sibt il-Ghid - Buffet fil-Każin |
| Il-Ħadd 21 ta'April | Hadd il-Ghid - sehem tal-Banda fil-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt |

**hsbc.com.mt**

2380 2380

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

MIFSUD GARAGE LTD.

**IRONMONGERY**

**Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar**

*56, La Vallette Street, Vittoriosa*

*Tel: 2180 7535*







Is-self personali kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Il-benefiċċju ta' assigurazzjoni b'xejn fuq il-ħajja huwa ta' massimu ta' €25,000 għal kull faċilità, sal-età ta' 69 sena jew sakemm titħallas il-faċilità skont x'jagħlaq l-ewwel. Japplikaw xi termini u kundizzjonijiet.

**BOV**

Bank of Valletta

**BOV PERSONAL LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

# Breakaway Travel
**Blacktown**

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

**Tel:** 02 9622 7799
**Fax:** 02 9671 6706
**Mobile:** 0408 079 246
**Email:** gvella@breakawaytravel.com.au

*Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta*